MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Numru 111/2005

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Spiteri)
vs
Joseph Schembri, iben Anthony,
imwieled Pieta’ fit-23 ta’
ġunju, 1960

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fl-4 ta’ frar, 2005 għal ħabta tal-12.00 p.m. ġewwa Ħal-Tarxien, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja fil-perikolu ċar ikkaġuna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Phlip Gatt minn Ħal-Tarxien, liema offiża ġiet magħmula b’ferita fil-wiċċ ta’ l-istess Philip Gatt aggravat bil-fatt illi saret fuq persuna anzjana ta’ 67 sena, skond ma ċċertifika Dr. Chris Spiteri mill-Isptar San Luqa;
2. talli fl-4 ta’ frar, 2005 ġewwa ċ-Ċentru tas-saħħa ta’ Raħal Ġdid, għal ħabta tan-12.30 p.m. ħebb u ikkaġuna

ferita ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ mary Grace Cucciardi minn Ħaż-Żabbar waqt il-qadi ta’ dmirijietha bħala nurse fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid, skond ma ċċertifika Dr. Martin Mallia miċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid;

3. talli fl-4 ta’ frar, 2005 fl-istess ġurnata, ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna ferita ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Jane Gatt minn Ħal-Tarxien li għandha 64 sena.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tinfliġġi l-piena marbuta ma dawn ir-reati, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta’ awissu, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazjzoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’’tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub -

a. fl-artikoli 216 u 222A tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 221 u 222A tal-Kodiċi Kriminali; u
d. fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ marzu, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-4 ta’ frar, 2005 għal ħabta ta’ nofs in-nhar Philip Gatt u martu Jane marru Ħal-Tarxien. Huma marru hemmhekk għaliex l-avukat ta’ binthom, Rita Schembri, ried li jkollu ‘on tape’ il-vizwali tad-dar tal-konjuġi Schembri. Fil-ġurnata ta’ l-inċident Rita Schembri u l-imputat kienu qed jisseparaw. Waqt li Philip Gatt kien qed jiġbed dan il-film ħareġ l-imputat mis-showroom li għandu biswit id-dar konjugali. Hu ndirizza lil

Philip Gatt f'manjiera oxxen, kif jirrizulta mill-video eżebit, u hemmhekk inqalgħet ġlieda. Philip Gatt xehed li hu safa aggredit mill-imputat u spiċċa li sofra feriti f'wiċċu. Minnaħa tiegħu l-imputat xehed li Philip Gatt poġġa l-camera f'wiċċu u qabdu jiġġieldu. Mir-ritratti eżebiti mill-imputat u minn Philip Gatt jirrizulta ampjament li Philip Gatt spiċċa l-għar mit-tnejn. Fl-istess inċident Jane Gatt, mart Philip Gatt, xehdet li l-imputat gidmilha subajgħa u għamillha ferita ta' natura ħafifa. Mill-kumpless tal-provi prodotti l-imputat hu responsabbli ta' din il-ġlieda u tal-feriti li ġarrbu l-konjuġi Gatt. L-imputat ġie akkużat li għamel ferita ta' natura gravi fil-wiċċ ta' Phlip Gatt u mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament Philip Gatt sofra feriti f'wiċċu. Fl-atti ta' din il-kawża mhemmx prova medika konklussiva li juri li dawn il-feriti huma ta' natura gravi. It-tobba ta' l-isptar riedu jżommu lil Philip Gatt taħt osservazzjoni iżda hu ffirma u telaq lejn id-dar. Wara d-dimissjoni tiegħu mill-isptar ma hemm ebda prova medika oħra li tista' titfa dawl fuq il-gravita' tal-feriti li ġarrab. Għalhekk il-feriti li sofra Philip Gatt għandhom jitqiesu ta' natura ħafifa.

Illi wara dan l-inċident l-imputat mar l-għassa jagħmel rapport fil-waqt li l-konjuġi Gatt marru l-polyklinika ta' Raħal Ġdid. Billi l-imputat ġarrab feriti ħfief fil-ġlieda li kellu ma Philip Gatt hu ntalab imur jagħmel ċertifikat mediku. Għalhekk, hu mar
il-polyklinika. Fil-frattemp Rita Schembri waslet il-polyklinika wkoll għaliex kienet ġiet infurmata bil-ġlieda. Kif daħal l-imputat il-polyklinika Jane Gatt u Rita Schembri ħarġu minn ħdejn Philip Gatt u marru fuq l-imputat. Hemmhekk segwit ġlieda oħra fejn Mary Grace Cucciardi, nurse, sfiċċat b'ferita ta' natura ħafifa fuq xoftejha. Hi taħseb li qalgħet daqqa mingħand l-imputat iżda mhiex ċerta ta' dan.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra li għamel feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' Philip Gatt u ta' Jane Gatt. Rat l-artikoli 221 u 222A tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma

sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------